# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 6 ta' Marzu 2025**

**Rikors ġuramentat numru 1204/2024AB fl-ismijiet:**

**Azzopardi Anthony (KI 419957M) u Charles Azzopardi (KI 205854M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Azzopardi Fisheries**
**vs.**
**Joseph Sammut (KI 73875M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Azzopardi Anthony (KI 419957M) u Charles Azzopardi (KI 205854M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Azzopardi Fisheries** li permezz tiegħu ippremettew li l-konvenut kien xtara diversi prodotti tal-konsum mingħand l-atturi u kien għad fadallu jħallas bilanċ ta' tnax il-elf, ħames mija wieħed u erbgħin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€12,541.91) li minkejja li kien interpellat biex iħallashom huwa baqa' inadempjenti.

L-attur Anthony Azzopardi ikkonferma wkoll li dan id-dejn kien ċert, likwidu u skadut u li l-konvenut ma kellu ebda eċċezzjoni xi tressaq għall-ħlas tal-imsemmi debitu.

Għar-ragunijiet fuq imsemmija, l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi ordni li jidhrilha xieraq u opportun li :

(1) tiddeċiedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-art. 167 et tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
(2) tiddikjara li l-konvenut kellu jħallashom bilanċ ta' tnax il-elf, ħames mija wieħed u erbgħin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€12,541.91) u

(3) tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallashom is-somma bilanċjali ta' bilanċ ta' tnax il-elf, ħames mija wieħed u erbgħin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€12,541.91)

bl-imgħax dekorribbli mill-aħħar fattura datata 29 ta' Diċembru 2023 sal-ġurnata tal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjeż kollha kompriża dawk tal-ittra legali, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie intavolat kontestwalment mar-rikors promotur.

Rat l-affidavit ta' Anthony Azzopardi a fol 4 li fih huwa kkonferma bil-ġurament li l-konvenut kellu jħallas lill-atturi s-somma bilanċjali ta' bilanċ ta' tnax il-elf, ħames mija wieħed u erbgħin euro wieħed u disgħin ċenteżmu (€12,541.91) u li dan id-dejn kien ċert, likwidu u skadut u li l-konvenut ma kellu ebda eċċezzjoni xi tressaq għall-ħlas tal-imsemmi debitu.

Rat li l-konvenut ġiet debitament notifikat personalment bir-rikors ġuramentat nhar is-27 ta' Jannar 2025 billi kopja tar-rikors tħalliet f'idejh stess.

Rat li din il-kawża ġiet appuntata għas-seduta tal-24 ta' Frar 2025.

Rat li l-konvenut kien notifikat personalment bl-avviż tas-smiegħ tal-kawża billi kopja tal-istess avviż tħalliet f'idejh fis-17 ta' Frar 2025.

Rat li matul din is-seduta l-Avukat Dr. Victor Bugeja għall-atturi iddikjara li l-konvenut kien ħallas is-sorte kollu fil-21 ta' Frar 2025, iżda l-atturi riedu jżommu salvi u fermi l-jeddijiet tagħhom fir-rigward tal-imgħaxijiet legali sa dakinhar tal-ħlas tas-sorte u l-ispejjeż kif mitluba fir-rikors promotur.

Rat ukoll li l-konvenut, imsejjaħ diversi drabi baqa' ma deherx.

Rat li din il-kawża ġiet allura differita għas-sentenza fis-seduta tal-lum.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; u**

2. **Fid-dawl tad-dikjarazzjoni tad-difensur tal-atturi li fil-mori tad-differiment il-konvenut ħallas is-sorte, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba u tat-tielet talba kwantu tirrigwarda l-kundanna għall-ħlas tas-sorte; filwaqt li**

3. **Tilqa' t-tielet talba limitatament għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali u l-kap ispejjeż tal-kawża biex b'hekk tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi:**

   **(a) l-imgħaxijiet skont il-Liġi mid-data tal-aħħar fattura datata 29 ta' Diċembru 2023 sal-ġurnata tal-pagament effettiv tas-sorte li kien sar fil-21 ta' Frar 2025; u**
   **(b) l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża, inkluż dawk tal-ittra legali, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie intavolat kontestwalment mar-rikors promotur.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**